**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 31

Data tal-laqgħa: 16 ta' Frar, 2021

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar it-Tlieta, 16 ta' Frar 2021 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Assenti b'appoloġija | Marilena Hassan |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**31/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**31/01/01** Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku Marilena Hassan biex tiġi skużata minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li tiġi reġistrata bħala Assenti b'appoloġija.

**31/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal- Laqgħa Numru 30**

**31/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**31/02/02** **Para 30/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li ma rċevietx risposta mis-Sur Ramon Deguara (Cleansing and Maintenance Division) fuq ix-xogħol ta' tisbiħ fuq il-latrina pubblika u l-bankijiet.

**31/02/03** **Para 30/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-toqob għal *bollards* kważi kollha lesti.

**31/02/04** **Para 30/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Onor. Dr Clifton Grima ma kellimniex lura rigward il-ground ta' Xwieki.

**31/02/05** **Para 30/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt ma' Sa. Catherine Fenech mill-Awtorità tal-Artijiet biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola.

**31/02/06** **Para 30/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rigward biex inkunu nistgħu inġibu fondi mill-UIF għal Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna qed jitolbu ħafna kjarifiki.

**31/02/07** **Para 30/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl għadha mitfija.

**31/02/08** **Para 30/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nippreparaw *expression of interest* biex is-*Searchlight Battery* tiġi restawrata.

**31/02/09** **Para 30/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta fuq talba lil Lands Authority għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate.

**31/02/10** **Para 30/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Reġjun Tramuntana għadu ma installax iż-żewġ CCTV Cameras fil-Ġnien ta' Żagħruna.

**31/02/11** **Para 30/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*pole* u l-bankina perikoluża fi Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero għadhom hemm għax fadal cable.

**31/02/12** **Para 30/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li x-xogħol fuq iz-*zebra crossings* miexi.

**31/02/13** **Para 30/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qegħdin f'kuntatt mal-Cleansing and Maintenance Division sabiex jipprovdu CCTV camera għal ħdejn l-isptar tal-Ferħa.

**31/02/14** **Para 30/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* dwar l-għajn tal-ilma lesta.

**31/02/15** **Para 30/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qeda f'kuntatt mal-Perit fuq il-*bus shelter* tal-Pjazza.

**31/02/16** **Para 30/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Majjistral Action Group Foundation approvat il-fondi għal tagħmir ta' dawl.

**31/02/17** **Para 30/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-toqob li talbet l-Għaqda tan-Nar għadhom ma sarux.

**31/02/18** **Para 30/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se tapplika mal-AKL peress li hemm fondi għal attivitajiet iffinanzjati mill-fondi tal-LESA sabiex parti mit-Triq Għaxqet l-Għajn taħt is-siġar (min-naħa ta' Triq il-Ġnien) tiġi mimlija bi żrar kbir u poruż.

**31/02/19** **Para 30/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur ta' Infrastructure Malta ħa ħsieb li ssir *road hump* fil-bidu ta' Triq Għaxqet l-Għajn (min-naħa ta' Triq il-Ġnien).

**31/02/20** **Para 30/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-residenti ta' Triq il-Mitħna għadhom ma ffirmawx karta li qed jaqblu biex issir *road hump* ħdejn numru 3 fi Triq il-Mitħna.

**31/02/21** **Para 30/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għadha ma rċevietx il-proposta ta' kif ser jaħdem il-*Community Garden.*

**31/02/22** **Para 30/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dalwaqt ser inidu sistema ta' permessi *online.*

**31/02/23** **Para 30/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*parking bays* ġodda fi Triq Mons Luigi Catania għadhom ma sarux.

**31/02/24** **Para 30/02/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*parking bays* ġodda fi Triq l-Indipendenza k/m Triq Mattia Preti għadhom ma sarux.

**31/02/25** **Para 30/02/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tabella tal-muturi għal Triq Caravaggio għadha ma saritx.

**31/02/26** **Para 30/02/39:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta mill-Managing Authority biex permezz tal-fondi tal-EAFRD isir sqaq ieħor. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li l-isqaq l-ieħor fi Triq tal-Balal jagħmel mal-Iklin. Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li ngħidulhom biex isir l-isqaq fi Triq Kromb il-Baħar. Il-Kunsill qabel unanimament.

**31/02/27** **Para 30/02/43:** Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li l-kaptell ġdid fi Triq E. Perren se jsir wara li jitlesta x-xogħol.

**31/02/28** **Para 30/02/45:** Is-Segretarju Eżekuttiv ordnat tabella 'SLOW' għal Triq l-Indipendenza.

**31/02/29** **Para 30/02/47:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ltaqgħet mal-Interior Designer.

**31/02/30** **Para 30/02/48:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li T-*sign* għal Triq il-Kbira k/m Triq il-Ġdida lesta.

**31/02/31** **Para 30/02/49:** Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li għandna *vouchers* ta' Neutering għal qtates tat-triq.

**31/02/32** **Para 30/02/50:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sar *patching* f'parti minn l-art ta' Triq San Nikola.

**31/02/33** **Para 30/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*patching* f'parti mit-Triq l-Isqof Gargallo għadu ma sarx. Is-Sindku resqet li nirranġaw parti mill-bankina. Il-Kunsill qabel unanimament.

**31/02/34** **Para 30/03/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Perit ħejja rapport fuq il-ħajt ta' Triq San Bartilmew, imma ma setax jiċċertifikah għax mhux skont il-liġi.

**31/02/35** **Para 30/03/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se ssir petizzjoni *online* fuq il-problema ta' nuqqas ta' parkeġġ u se nispjegaw il-pjanijiet u s-soluzzjonijiet sabiex niġbru l-appoġġ tar-residenti.

**31/02/36** **Para 30/03/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sett ta' arbli ġodda lesti.

**31/02/37** **Para 30/05/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Muzzan qed jaħdem fuq iż-żewġ ħnejja ggalvanizzati.

**31/02/38** **Para 30/05/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se nżidu l-parkeġġi fi Triq San Ġwann.

**31/02/39** **Para 30/05/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Karnival b'differenza mill-Big Friends Guggen Musik Malta kien success.

**31/02/40** **Para 30/05/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din is-sena ma nistgħux napplikaw għall-iskema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi f'Malta peress li bbenefikajna fis-sena 2017.

**31/02/41** **Para 30/05/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikazzjoni biex issir Cat Café fi Triq Għaxqet l-Għajn ġiet approvata imma ser tinżamm għandhom sakemm jiġu sottomessi l-permessi meħtieġa.

**31/02/42** **Para 30/05/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq it-talba ta' għal tabella 'No heavy vehicles' fi sqaq fi Triq il-Ġnien hi marret fuq il-post u nnutat li vetturi tqal ma jgħaddux minn hemm.

**31/02/43** **Para 30/05/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li siġar ta' mad-dawra tal-*ground* ta' Xwieki nżabru.

**31/02/44** **Para 30/05/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil tax-xogħlijiet biex isir *culvert* fi Triq Caravaggio sabiex il-bdiewa ta' Sqaq iċ-Ċawl jiġbru l-ilma ta' triq.

**31/02/45** **Para 30/05/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li resident issuġġerixxa li jsiru żewġ *sleeping police* fi Triq il-31 ta' Marzu. Is-Sindku qalet li l-aħjar li ssir *sleeping police* fil-kantuniera fejn ma hemmx djar. Il-Kunsill qabel unanimament li ssir konsultazzjoni mar-residenti.

**31/02/46** **Para 30/05/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mera fit-tarf ta' Triq San Ġorġ ġiet irranġata.

**31/02/47** **Para 30/05/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'Marzu l-Contracts Manager ser jiltaqa' mal-kuntrattur tal-knis.

**31/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**31/03/01** Is-Sindku qalet li tkun idea tajba li nerġgħu naħsbu fl-anzjani tagħna u fi żmien l-Għid inqassmulhom figolla kull wieħed. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nagħtuhom maskla kull wieħed. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din l-idea. Is-SE se tipprova ssib *sponsors*.

**31/03/02** Is-Sindku resqet li nibdew inħejju għal attività ta' Jum il-Għargħur. Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li l-preżentaturi jkunu s-Sur Bertu Aquilina u s-Sa. Martha Gauci. Il-Kunsill qabel unanimament.

**31/03/03** Is-Sindku resqet li f'Ġunju noħorġu l-fuljett 'Leħen il-Kunsill'. Il-Kunsill qabel unanimament.

**31/03/04** Is-Sindku resqet li ssir tabella temporanja tal-*one-way* fi Triq Għaxqet l-Għajn fejn qed isir ix-xogħol ta' restawr fuq il-*Victoria Lines*. Il-Kunsill qabel unanimament.

**31/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**31/04/01** Ma kienx hemm.

**31/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**31/05/01** Ġiet innutata korrispondenza Cir AKL 2021/005 Taħriġ – Women in Leadership Level 6.

**31/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Conrad Borg Manché – Ambjent Malta Konsultazzjoni Kunsilli Lokali. Is-Sur Christopher Fenech spjega li aħna diġà konna ltqajna ma' Sur Borg Manché.

**31/05/03** Ġiet innutata korrispondenza minn TM fejn approvaw żewġ kaxxi tal-parkeġġ fi Triq Katarina Sammut.

**31/05/04** Ġiet innutata korrispondenza SPI.SCI.2.2021 Finanzjament għal żvillup u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

**31/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 20 ta' Jannar 2021).

**31/05/06** Ġiet innutata korrispondenza Cir AKL 2021/008 Parteċipazzjoni tal-Kunsilli Reġjonali / Lokali fl-'Earth Hour' 2021.

**31/05/07** Ġiet innutata korrispondenza (Ref:7803) minn Transport Malta fejn l-Awtorità qed tinfurmana li rċeviet applikazzjoni għal Parkeġġ Riservat fi Vjal ir-Repubblika.

**31/05/08** Fuq ilment ta' resident għax ma hemmx biżżejjed bankini fi Triq San Ġwann. Il-Kunsill spjega li dawn il-bankini ma jistgħux isiru.

**31/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 27 ta' Jannar 2021).

**31/05/10** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta – *Permanent Traffic Management*.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**31/05/11** Il-Kunsill irċieva suġġeriment mingħand resident, sabiex fi Triq Caravaggio ssir linja bajda fin-nofs ta' triq u biex fi Triq Santa Katerina ikun hemm *traffic lights system*. Kien hemm qbil unanimu li l-linja bajda fin-nofs ta' Triq Caravaggio ma tistax issir peress li triq mhijiex wiesgħa biżżejjed. Barra minn hekk, fuq it-talba għal *traffic lights system* fi Triq Santa Katerina, din it-triq suppost għandha titwessgħa.

**31/05/12** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Neder Keskes rigward talba għal refund peress li allegatament għamel ħsara fir-rim u tyre tal-karozza waqt li kien qed isuq fi Triq Santa Katerina fid-direzzjoni tas-Swieqi nhar is-Sibt, 24 ta' Jannar 2021. Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li ma hemmx evidenza biżżejjed u għal daqstant ma jistax isir pagament.

**31/05/13** Il-Kunsill qabel unanimament li fuq il-permess PA 2413/09 il-Perit iressaq emenda minuri biex Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard* tiġi bl-*imprint concrete grade* C25.

**31/05/14** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 3 ta' Frar 2021).

**31/05/15** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Chris Attard mill-Broadcasting Authority sabiex Triq il-Gnien li qeda *one-way* tibqa' one-way minbarra ghal vetturi ta' emerġenza. Kien hemm qbil unanimu li niktbu lil Transport Malta.

**31/05/16** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 9 ta' Frar 2021).

**31/05/17** Ġiet innutata korrispondenza (Ref:7870) minn Transport Malta fejn l-Awtorità qed tinfurmana lirċeviet applikazzjoni għal Parkeġġ Riservat fi Triq San Ġwann.

**31/05/18** Fuq it-talba ta' resident għal *mc bay* fi Triq Santa Marija taż-Żellieqa. Kien hemm qbil unanimu li niktbu lil Transport Malta.

**31/05/19** Fuq it-talba ta' residenta għal tabella tat-*Tow Zone* fi Triq San Bartilmew. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**31/05/20** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nżidu kaxxa ta' parkeġġ fi Triq Caravaggio. Il-Kunsill qabel unanimament.

**31/05/21** Fuq it-talba ta' resident għal *crash barrier* fi Triq Għaxqet l-Għajn direzzjoni lejn Triq John Adye. Is-Sur Abraham Aquilina ssuġġerixxa li nużaw il-*crash barrier* ta' ħdejn il-knisja. Il-Kunsill qabel unanimament.

**31/05/22** Is-Sindku resqet li jsiru żewġ *mc bays* ħdejn 63 Triq il-Kbira. Kien hemm qbil unanimu li niktbu lil Transport Malta.

**31/05/23** Is-Sindku resqet li jsiru biċċtejn *dotted white line* fi Triq San Ġwann ħdejn ir-*roundabout*. Il-Kunsill qabel unanimament.

**31/05/24** Is-Sur Carl Grech ressaq li tinqala' siġra marida minn Vjal ir-Repubblika k/m Triq Excelsior. Il-Kunsill qabel unanimament u SE ħa tibgħat ittra-e li Tree Permitting fi ħdan l-ERA.

**31/05/25** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jsir *Bus Stop* ġdid fi Triq Caravaggio k/m Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu. Kien hemm qbil unanimu li niktbu lil Transport Malta.

**31/05/26** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq sabiex inqaxxru ż-żebgħa tal-*Bus Stop* li kien hemm fi Triq San Bartilmew u fi Triq l-Oratorju. Il-Kunsill qabel unanimament.

**31/06** **Approvazzjoni tal-*Financial Statements* għas-sena 2020**

31/06/01 Il-Financial Statements għas-sena 2020 ġew approvati unanimament u s-Sindku u S.E. ġew awtorizzati sabiex jiffirmawhom.

**31/07** **Ħruġ ta' tender *Service tender for the collection of bulky refuse from the locality of Ħal Għargħur in an environmentally friendly manner***

31/07 Is-SE ipproponiet biex tinħareġ offerta għas-servizz tal-ġbir ta' skart ġoff. Il-Kunsill qabel unanimament.

**31/08** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

31/08/01 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**31/09** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

31/09/01 Il-laqgħa spiċċat fis-6:35p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu 2021 fil-5:30pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**